# 326. Aringi

Dik l-imsejkna Fortunata,
sfortunata,
raġel għandha rqiq iżżejjed,
daqs aringa pprofumata,
ipprofunata,
daqs aringa pprofumata.

Il-qattusa ffortunata
ta' Fortunata
mill-barmil ħatfet u serqet,
ġriet b'aringa pprofumata,
ipprofumata,
ġriet b'aringa pprofumata.

Ara biss tersaq u tħares
lejn l-aringa pprofumata,
il-qattusa biex tiggranfa
lesta, tgerger irrabbjata!

Ara biss tersaq u tħares
lejn l-irqiq ta' Fortunata;
tgħir għalih, qisha l-qattusa
tgħożż l-aringa pprofumata.

Jekk ir-riħa tal-aringi
tagħmel bik, sodd imnifsejk;
jekk missejthom, ħu paċenzja,
bis-sapun aħsel idejk.

Ħalli l-mara Fortunata
u l-qattusa iffortunata
għajjurin jagħmlu xalata
minn aringa pprofumata,
ipprofumata
minn aringa pprofumata!